MALTA

# QORTI TA' L-APPELL KRIMINALI

**ONOR. IMHALLEF**
**DAVID SCICLUNA**

Seduta tat-28 ta' Lulju, 2006

Appell Kriminali Numru. 155/2004

**Il-Pulizija**

**v.**

**Martin Cachia**

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet migjuba mill-Pulizija Ezekuttiva kontra Martin Cachia talli:

1. Fil-5 ta' Settembru 2002, f'dawn il-Gzejjer xjentement qieghed fic-cirkolazzjoni, biegh jew zamm, kellu ghall-bejgh jew importa ghall-hsieb ta' kummerc, merkanzija b'marka, sinjal, jew emblema imxebbha b'qerq cioe` 1027 DVD, 50 CD tal-muzika u 20 loghba tal-playstation;

2. Fl-istess perijodu, ghall-qliegh jew bi skop ta' kummerc, stampa, immanifattura, idduplika, jew b'mod iehor irriproduca jew ikkopja jew biegh, qassam, jew mod iehor offra ghall-bejgh jew biex jitqassam xi artikolu jew xi haga ohra bi ksur tal-jeddijiet li johorgu mid-drittijiet ta' l-awtur li jkollha persuna ohra u protetti bil-ligi ta' Malta jew tahtha;

3. Fl-istess perijodu, bil-ghan li jiehu vantagg ghalih innifsu jew ghal persuna ohra, jew bil-hsieb li jikkaguna telf lil xi persuna ohra, u minghajr il-kunsens tal-proprjetarju applika fuq oggetti jew fuq l-ippakkettjar taghhom sinjal identiku ghal, jew li x'aktarx jithawwad ma' trademark registrata, jew biegh jew kera, offra, jew espona ghall-bejgh jew kiri jew qassam oggetti li kellhom fuqhom, jew li l-ippakkettjar taghhom kellu fuqu, sinjal bhal dak, jew kellu fil-pussess, kustodja jew kontroll tieghu fil-kors ta' xi negozju xi oggetti bhal dawk bil-ghan li hu jew persuna ohra jaghmel xi haga li tkun reat bhal dan;

4. U b'hekk sar recidiv b'diversi sentenzi moghtija minn diversi Qrati ta' Malta u datati 31.07.98, 06.01.98, 19.06.01, 16.10.01, 03.09.02, liema sentenzi saru definittivi u ma jistghux jigu mibdula;

5. U b'hekk Martin Cachia jitqies li opera minghajr licenzja tal-Kummissarju tal-Pulizija;

6. Fuq talba tal-Kontrollur tad-Dwana, fil-5 ta' Settembru 2002, wara intervent u tfittxija li saret minn ufficjali tal-Pulizija fir-residenza msemmija ta' l-istess Martin Cachia, instab li f'dik il-gurnata u/jew fix-xhur ta' qabel, xjentement kellu fil-pussess tieghu u/jew depozitati ghandu 1013 Digital Versatile Discs (DVDs) li d-dazju taghhom ma kienx gie mhallas u/jew kawtelat u li ukoll kienu foloz, fis-sens li kienu kkopjati minn fuq l-originali – li kienu imitazzjoni ta' l-originali;

7. Fix-xhur precedenti, bil-hsieb li jiffroda lill-Gvern, filli bil-qerq jevadi d-dazju u/jew taxxi ohra dovuta u ukoll restrizzjonijiet imposta, [importa] jew kellu x'jaqsam filli jigu importati ghalih dawn id-DVDs, liema DVDs li l-

importazzjoni taghhom hija projbita u/jew ristretta, ghandhom valur totali ta' Lm2,532.50,o u dazju dovut ta' Lm124.09,2 liema dazju u taxxa ma gewx imhallsa u/jew kawtelati;

8. Fuq talba tal-Kummissarju tat-Taxxa fuq il-Valur Mizjud, fil-5 ta' Settembru 2002, wara intervent u tfittxija li saret minn ufficjali tal-Pulizija fir-residenza msemmija ta' l-istess Martin Cachia, instab li f'dik il-gurnata u/jew fix-xhur ta' qabel, xjentement kellu fil-pussess tieghu u/jew depozitati ghandu 1013 Digital Versatile Discs (DVDs( li d-dazju taghhom ma kienx gie mhallas u/jew kawtelat u li wkoll kienu foloz, fis-sens li kienu kkopjati minn fuq l-originali – li kienu imitazzjoni ta' l-originali;

9. Fix-xhur precedentri, bil-hsieb li jiffroda lill-Gvern, filli bil-qerq jevadi d-dazju u/jew taxxi ohra dovuta u ukoll restrizzjonijiet imposta, [importa] jew kellu x'jaqsam filli jigu importati ghalih dawn id-DVDs liema DVDs li l-importazzjoni taghhom hija projbita u/jew ristretta, ghandhom valur totali ta' Lm2,532.50,0 u taxxa fuq il-valur mizjud (V.A.T.) li jammonta ghal Lm398.48,8 liema dazju u taxxa ma gewx imhallsa u/jew kawtelati.

Il-Qorti giet mitluba li tiehu in konsiderazzjoni l-Art. 62 Proviso tal-Kapitolu 37 li jghid “izda ukoll, meta jinstab hati, terz tal-piena ta' flus jitqies fuq talba tal-prosekuzzjoni bhala dejn civili u gandu jigi dikjarat mill-Qorti kompetenti fl-ghoti tas-sentenza li hu dovut u li gandu jithallas lill-Gvern u ghandu jigi esegwit fl-istess Qorti li tagti s-sentenza bl-istess mod bhallikieku inghatat f'azzjoni civili maghmula bejn il-Gvern u l-hati”.

Il-Qorti giet mitluba wkoll sabiex f'kaz ta' htija tikkundanna lill-imsemmi Martin Cachia ghall-hlas ta' spejjez li jkollhom x'jaqsmu mal-hatra ta' esperti jew periti fil-proceduri hekk kif ikkontemplat fl-artikolu 533 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Il-Qorti giet ukoll mitluba sabiex barra li tinfliggi l-piena stabbilita bil-ligi, tordna l-konfiska ta' l-oggetti u flus esebiti;

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali tal-5 ta’ Lulju 2004 li permezz taghha dik il-Qorti sabet lill-imsemmi Martin Cachia hati ta' l-imputazzjoni ta' evazjoni ta' dazju u tat-taxxa fuq il-valur mizjud u li huwa recidiv, illiberatu mill-imputazzjonijiet l-ohra kollha u kkundannatu ghall-hlas ta’ multa ta’ hamest elef hames mija w sebgha w tmenin liri Maltin u tmienja w hamsin centezmu (Lm5,587.58), u ordnat li terz mill-multa nflitta u cioe` elf tmien mija tnejn u sittin lira w sitta w erbghin centezmu (Lm1862.46c) tigi meqjusa bhala dejn civili u ghandu jithallas lill-Gvern ta’ Malta, u inoltre ordnat il-konfiska tal-oggetti esebiti f’dawn il-proceduri favur il-Gvern ta’ Malta, izda cahdet it-talba sabiex l-istess Martin Cachia jhallas l-ispejjez ta’ l-esperti;

Rat ir-rikors ta’ appell ta' Martin Cachia tal-15 ta’ Lulju 2004 li permezz tieghu talab li din il-Qorti tirriforma s-sentenza appellata billi tikkonferma l-istess fil-parti liberatorja taghha w thassar, tirrevoka u tikkancella l-istess f’dik il-parti li sabitu hati ta' l-imputazzjoni ta’ evazjoni ta’ dazju u taxxa fuq il-valur mizjud, u li huwa recidiv u kkundannatu ghall-hlas ta’ multa ta’ hamest elef hames mija u sebgha w tmenin liri Maltin u tmienja w hamsin centezmu (Lm5587.58c) u konsegwentement thassar l-ordni illi terz minn dik il-multa jigi meqjus bhala dejn civili u minflok tilliberah minn kull htija w piena;

Rat l-atti kollha tal-kawza;

Semghet it-trattazzjoni tad-difensuri tal-partijiet;

Ikkunsidrat:

L-aggravji ta’ l-appellant huma fil-qosor is-segwenti: (1) il-proceduri inizjati kontra tieghu a bazi tal-Kap. 37, l-Att XXIII ta’ l-1998 u l-Avviz Legali 118 tal-1992 huma nulli ghaliex meta nbdew ma kienx hemm *letter to prosecute*; (2) l-ewwel Qorti ghamlet applikazzjoni hazina jew skorretta tal-ligi meta sabitu hati ta’ l-imputazzjonijiet dwar evazjoni ta’ dazju u taxxa dwar il-valur mizjud; (3) l-ewwel Qorti ghamlet applikazzjoni hazina jew inkompleta tal-ligi

meta naqset milli tapplika d-disposizzjonijiet ta’ l-artikolu 26(c) tal-Kap. 37; (4) il-provi tal-prosekuzzjoni kienu ekonomici u konfuzjonali u ma setghux iwasslu ghall-htija ta’ l-appellant; (5) il-piena hija eccessiva.

Dwar l-ewwel aggravju, l-appellant ghandu zewg ilmenti specifici:

Kwantu ghall-imputazzjonijiet dedotti taht l-Att dwar it-Taxxa ghal Valur Mizjud, l-appellant jghid illi *letter to prosecute* qatt ma giet ipprezentata u dan jirrendi l-proceduri kollha in konnessjoni ma’ l-evazjoni ta’ V.A.T. irritwali fit-termini ta’ l-artikolu 83(1) ta’ l-Att XXIII ta’ l-1998.

Is-subartikolu (1) ta’ l-artikolu 83 tal-Kap. 406 jiddisponi hekk:

**“Ma ghandhom jinbdew ebda procedimenti taht din it-Taqsima hlief minn jew bil-permess tal-Kummissarju ….”**

Kif qalet din il-Qorti diversament presjeduta fis-sentenza taghha fl-ismijiet **Il-Pulizija v. Raymond Bellizzi** moghtija fis-16 ta’ Jannar 2003 fejn gie trattat in-nuqqas tal-prosekuzzjoni li tipprezenta *letter to prosecute* f’dawk il-proceduri:

**“Il-pozizzjoni legali korretta skond din il-Qorti hi li ghalkemm fi proceduri taht il-ligi tat-Taxxa dwar il-Valur Mizjud, jistghu wkoll konkomitantement jintalbu sanzjonijiet ghal nuqqas li jkun iwassal biex tigi evitata xi Taxxa fuq il-Valur Mizjud u jkunu applikabbli ghal tali evazjoni fic-cirkostanzi prospettati fl-artikoli 18 u 62 tal-Kap. 37 ghal dak li jikkostitwixxi l-elementi u l-figuri differenti tar-reati kif jimmanifestaw ruhhom fl-artikolu 18 u fid-diversi paragrafi tal-artikolu 62 tal-Kap. 37 u dan in forza tal-artikolu 80 tal-Kapitolu 406, xorta wahda pero` li biex tibda procediment simili jkun hemm bzonn li dan jibda jew mill-Kummissarju tat-Taxxa dwar il-Valur Mizjud jew bil-permess tieghu.**

**L-artikolu 80 fuq imsemmi jifforma parti mit-Taqsima X 'Reati u Pieni' tal-Att XXIII tal-1998 u l-artikolu 83(1) jghid espressament li 'Ma ghandhom jinbdew ebda procedimenti TAHT DIN IT-TAQSIMA (enfasi ta' din il-Qorti) hlief minn jew bil-permess tal-Kummissarju …' Mela anki procedimenti ghall-evazjoni ta' VAT li jkunu jakkampaw ruhhom taht ic-cirkostanzi u fattispecji kontemplati fl-artikoli 18 u 62 tal-Ordinanza tad-Dwana jinhtiegu li jinbdew minn jew bil-permess tal-Kummissarju.**

**Wara kollox l-artikolu 80 tal-Att XXIII ma jiddelegax il-poteri tal-Kummissarju tal-VAT lill-Kontrollur tad-Dwana, imma jiddisponi biss li:**

**'Id-disposizzjonijiet ta' l-artikoli 18 u 62 ta' l-Ordinanza tad-Dwana ghandhom japplikaw ghal dan l-Att bhallikieku kull riferenza ghal dazji li tinsab f'dawk l-artikoli kienet riferenza ghal taxxa dovuta taht dan l-Att, u kull persuna li tikser id-disposizzjonijiet ta' dawk l-artikoli li jiftiehmu kif imsemmi qabel dwar xi oggett li l-importazzjoni taghhom hi suggetta ghal taxxa taht dan l-Att tkun hatja, minghajr pregudizzju ghal kull responsabbilta` li jkollha taht l-Ordinanza msemmija, ta' reat taht dan l-Att ….'**

**Jigifieri li qed taghmel il-ligi tal-VAT fl-artikolu 80 hu fil-fehma ta' din il-Qorti li qed tiehu l-faxx jew 'gamut' ta' reati differenti kontemplati f'ligi ohra u senjatament l-artikoli 18 u 62 tal-Ordinanza tad-Dwana (Kap. 37) u, a skans ta' ripetizzjoni taghhom fil-ligi tal-VAT, taghmilhom reati taht il-ligi tal-VAT, b'dana pero` dejjem li taht l-artikolu 83(1), biex jibdew procedimenti jrid ikun hemm l-intervent jew il-permess tal-Kummissarju tal-VAT.**

**Imbaghad, biss meta tinstab htija – u tista' tinstab htija biss jekk il-procedimenti jkunu bdew kif imiss – il-persuna hatja tista' tehel multa ghal total meta tghodd flimkien it-taxxa (aqra VAT) li jkollha tithallas fuq l-oggetti u d-doppju tal-valur ta' l-oggetti jew multa ta' Lm25, skond liema tkun l-akbar.**

**Din l-interpretazzjoni tal-ligi hi wara kollox konformi mad-dikjarazzjoni li ghamel l-istess Agent Kontrollur tad-Dwana, meta fil-*letter to prosecute* tieghu gibed l-attenzjoni tal-Kummissarju tal-Pulizija ghall-fatt li kien hemm bzonn li fir-rigward tal-VAT, il-kwistjoni kellha tigi riferuta separatament ghall-proceduri kriminali mid-Dipartiment tal-VAT. Dan pero` baqa' ma sarx u l-Pulizija pprocediet xorta wahda minghajr tali awtorizzazzjoni."**

Din il-Qorti taqbel ma' din l-interpretazzjoni u tghid li s-sitwazzjoni fil-kaz odjern huwa identiku. Minn ezami ta' l-atti processwali ma jirrizulta minn imkien li gie pprezentat *letter to prosecute* da parti tal-Kummissarju tal-VAT jew xi persuna minnu debitament delegat. U dan nonostante illi l-*letter to prosecute* mahruga mill-Kontrollur tad-Dwana tissenjala lill-Kummissarju tal-Pulizija tali htiega. Difatti l-ittra tal-31 ta' Jannar 2003 (Dok. CSH04) tispecifika li: *"Minhabba l-fatt li dawn id-DVDs huma soggetti wkoll ghat-Taxxa fuq il-Valur Mizjud (VAT), ghaldaqstant nixtieq nigbidlek l-attenzjoni dwar proceduri ohra separati li jistghu jittiehdu mid-Dipartiment koncernat fil-konfront ta' MARTIN CACHIA ai termini ta' l-Att XXIII ta' l-1998 dwar it-Taxxa fuq il-Valur Mizjud u kif ukoll ta' l-Avviz Legali 118 ta' l-1992 tal-Ligijiet ta' Malta."*

Tali nuqqas iwassal ghan-nullita` tal-proceduri in kwantu jirrigwarda l-imputazzjonijiet ghal ksur tal-Kap. 406 u ghalhekk dwar it-tmien u d-disa' imputazzjonijiet l-appellant ma setax jinstab hati.

Kwantu ghall-imputazzjonijiet dedotti taht il-Kap. 37 dwar evazjoni ta' dazju, l-appellant jghid li huwa minnu li esebit fl-atti hemm id-Dok. CSH4 li hija talba tal-Kontrollur tad-Dwana sabiex jittiehdu passi fil-konfront ta' l-istess appellant u li ggib id-data tal-31 ta' Jannar 2003. Mill-atti processwali pero` jirrizulta li l-imputazzjonijiet kontra l-appellant inhargu fl-4 ta' Ottubru 2002 u ghalhekk it-talba tal-Kontrollur sabiex jigu inizjati proceduri kontra l-appellant saret effettivament wara u mhux qabel ma dawn gew inizjati. Skond l-appellant, dan jirrendi l-proceduri

kollha rigwardanti l-imputazzjonijiet taht il-Kap. 37 nulli u irritwali fit-termini ta’ l-artikolu 76.

Dwar dan it-tieni lment l-appellant assolutament m’ghandux ragun. Jinghad l-ewwelnett illi c-citazzjoni nharget mill-prosekuzzjoni fil-25 ta’ Settembru 2002 – u mhux fl-4 ta’ Ottubru 2002 kif qal l-appellant. Din ic-citazzjoni kienet f’dak l-istadju tikkomprendi l-ewwel hames imputazzjonijiet biss, cioe` dawk migjuba kontra l-appellant ghal ksur ta’ provvedimenti tal-Kap. 9 u tal-Kap. 416, li dwarhom zgur m’hemm l-ebda htiega ta’ *letter to prosecute*. Kien fit-28 ta’ Mejju 2003 li sar l-ezami ta’ l-appellant u gew mizjuda l-imputazzjonijiet ghal ksur ta’ provvedimenti tal-Kap. 37 u ta’ l-Att XXIII ta’ l-1998. Skond il-verbal relattiv (a fol. 8 – 10), wara li zdiedu dawn l-imputazzjonijiet l-appellant ta ruhu b’notifikat b’tali zieda u sar l-ezami tieghu mill-gdid. Ghalhekk m’hemm l-ebda dubju minn dan kollu illi l-procedimenti nbdew f’isem il-Kontrollur skond kif provdut fl-artikolu 76(1) tal-Kap. 37 u nbdew **wara** li kien hareg il-*letter to prosecute*. B’hekk dan l-ilment huwa michud.

Konsegwentement il-konsiderazzjonijiet ulterjuri ta’ din il-Qorti sejrin jirrigwardaw l-aggravji l-ohra ta’ l-appellant in kwantu dawn jirrigwardaw is-sejbien ta’ htija dwar l-imputazzjonijiet rigwardanti l-evazjoni ta’ dazju.

It-tieni aggravju huwa fis-sens illi l-ewwel Qorti ghamlet applikazzjoni hazina jew skorretta tal-ligi:

L-appellant jilmenta fl-ewwel lok illi l-ewwel Qorti applikat hazin l-artikoli 62 u 77 tal-Kap. 37 meta rriteniet illi peress illi l-appellant ma ressaq ebda provi allura a bazi ta’ l-istess artikolu 77 il-konsegwenza naturali kienet illi huwa kellu bilfors jinstab hati ta’ dawk l-imputazzjonijiet. L-appellant jghid illi mill-provi jirrizulta illi l-unika raguni li dwarha l-prosekuzzjoni akkuzat lill-appellant bi ksur tad-disposizzjonijiet tal-Kap. 37 hija l-fehma soggettiva ta’ l-Ispettur Ian Abdilla li xehed li fl-opinjoni tieghu l-oggetti misjuba setghu gew impurtati. Apparti dan, isostni l-appellant, m’hemm l-ebda indizju illi b’xi mod jiggustifika jew isahhah dawk l-imputazzjonijiet. Fit-tieni lok l-

appellant jghid illi l-inversjoni tal-prova fl-artikolu 77 tal-Kap. 37 tiskatta biss f'kaz fejn imputat iqanqal xi kwistjoni dwar il-hlas tad-dazju jew dwar jekk l-oggetti kinux importati jew trasburdati, jew dwar il-lok minn fejn ikunu originaw dawn l-oggetti. Fil-kaz in dizamina, ikompli l-appellant, dan ma kienx il-kaz peress illi huwa ma qajjem l-ebda tali kwistjoni quddiem l-ewwel Qorti u dan minhabba l-fatt illi l-prosekuzzjoni ma gabitx l-icken prova in konnessjoni ma' dawn l-imputazzjonijiet. Fit-tielet lok l-appellant jilmenta illi l-ewwel Qorti sabitu hati biss a bazi ta' l-inverzjoni tal-prova b'applikazzjoni ta' l-artikolu 77 tal-Kap 37. Huwa jsostni pero` illi f'din il-materja ghandha ssir distinzjoni bejn il-kaz fejn l-imputat huwa l-importatur ta' l-oggett, jew il-komplici tieghu jew l-esekutur immedjat ta' l-att ta' kuntrabandu, u l-kaz fejn imputat ikun haddiehor; f'dan l-ahhar kaz jehtieg ir-rekwizit tax-xjenza, u cioe` li l-imputat kien jaf jew messu ragjonevolment kien jaf li d-dazju dwar dak l-oggett kien thallas. F'dan il-kaz l-oneru tal-prova tax-xjenza jibqa' fuq il-prosekuzzjoni, bhalma hu l-oneru li tipprova kif jiffigura l-imputat fil-kaz.

Jigi l-ewwelnett osservat illi fil-kaz in ezami l-appellant qieghed jigi akkuzat illi huwa "xjentement" kellu fil-pussess tieghu u/jew depozitati ghandu DVDs li d-dazju fuqhom ma kienx thallas.

Issa, fl-Appell Kriminali fl-ismijiet **Il-Pulizija v. Andrew Ellul Sullivan et** deciz fl-20 ta' Marzu 2003, gie ritenut illi s-subincizi (e) sa (i) ta' l-artikolu 62 tal-Kap. 37 jirrikjedu x-xjenza. L-istess kien gie ritenut fl-Appell Kriminali fl-ismijiet **Il-Pulizija v. Anthony Mifsud et** deciz fit-12 ta' Gunju 1989 fejn intqal li fl-artikolu 62 **"Il-ligi ma tuzax il-kelma xjentement fil-paragrafi kollha ta' dan l-artikolu … jekk il-prosekuzzjoni tipprova li l-appellant zamm ghandu jew laqa' ghandu oggetti li fuqhom ma thallasx dazju, b'daqshekk ma tkunx issodisfat il-vot tal-ligi billi tkun trid tipprova wkoll li l-imputat agixxa xjentement, altrimenti l-kelma xjentement tkun qeghda fil-ligi ghal xejn"**. Ara wkoll l-Appell Kriminali fl-ismijiet **Il-Pulizija v. Victor Calleja** deciz fl-24 ta' Awissu 1990.

Imbaghad fl-Appell Kriminali fl-ismijiet **Il-Pulizija v. Carmel sive Charles Azzopardi** deciz fit-22 ta' Settembru 1993 fejn id-difiza kienet issollevat in-nuqqas ta' xjenza u ta' mens rea tal-imputat fil-partecipazzjoni tieghu fir-reat lilu addebitat, intqal hekk:

**"Jigi osservat immedjatament rigward dan il-punt li huwa strettament ta' natura legali, illi f'kazijiet precedenti fejn l-istess punt inqala' u gie deciz, il-pozizzjoni illi hadet din il-Qorti kienet fis-sens li dak illi kien gie deciz mill-Imhallef Harding, President ta' din il-Qorti fl-24 ta' Novembru 1945 in re: 'Il-Pulizija v. Anthony Preca', fejn, ghal-fini tal-ispostament tal-oneru tal-prova minn fuq il-prosekuzzjoni ghal fuq l-imputat, kienet saret distinzjoni importanti bejn il-kaz fejn l-imputat ikun l-importatur u l-kaz l-iehor fejn l-imputat ma jkunx il-komplici tieghu imma jkun assista fl-iskarikar tal-merkanzija. F'dik is-sentenza, li giet imbaghad sussegwentement segwita b'diversi sentenzi ohra, fosthom dik in re: 'Il-Pulizija v. Joseph Farrugia' deciza minn din il-Qorti fis-7 ta' Jannar 1991, kien gie deciz li ghalkemm huwa veru li skond il-ligi f'akkuza ta' pussess ta' oggett li dwaru ma jkunx thallas id-dazju, il-prova li d-dazju kien thallas ghandha ssir mill-imputat, cio` nonostante fil-materja ghandha ssir distinzjoni bejn il-kaz fejn l-imputat huwa l-importatur ta' dak l-oggett jew il-komplici tieghu jew l-esekutur immedjat ta' l-att ta' kuntrabandu <u>u l-kaz li l-imputat ikun haddiehor. F'dan l-ahhar kaz jinhtieg ghall-kontravvenzjoni r-rekwizit tax-xjenza, jigifieri li l-imputat kien jaf jew messu ragjonevolment ikun jaf li d-dazju dwar dak l-oggett ma jkunx gie mhallas</u>"** (enfasi ta' din il-Qorti);

u

**"… ghaldaqstant meta c-cirkostanzi juru li l-imputat kellu ragjonevolment jahseb li d-dazju fuq oggetti minnu posseduti ma kienx thallas, kellu r-rekwizit ta' dik ix-xjenza u allura huwa hati tal-kontravvenzjoni lilu addebitata. Diversament huwa ezenti minn kull htija min ma kienx jaf u ma setax ragjonevolment ikun jaf li**

**d-dazju ma kienx thallas jew min kien mic-cirkostanzi gustifikat jahseb li d-dazju thallas …. Wiehed pero` jrid joqghod attent f'sitwazzjoni simili billi ma jispostax l-ordni tal-logika ta' kif ghandhom isiru l-affarijiet u ma jinqabadx f'nasba ta' spostament ta' ragjonament psewdologiku …. Skond din il-Qorti l-ordni li ghandu jigi segwit huwa illi ghandu jigi stabilit l-ewwel u qabel kollox, x'tip ta' attivita` kienet qed issir mill-appellant. Ghal dan il-fini, din il-Qorti jidhrilha li originarjament il-prova inizjali illi l-imputat kien jew l-importatur ta' l-oggetti, jew il-komplici … jew li almenu kellu element ta' konoxxenza ta' dak li kien qieghed isir, tinkombi fuq il-prosekuzzjoni imbaghad, una volta stabilit dan, cioe` li jew kien l-importatur jew kien il-komplici jew li kien fi kwalunkwe kaz jaf x'inhu jigri, l-oneru tal-prova jinkombi fuq l-imputat fit-termini tal-ligi. Pero` inizjalment kif inghad, il-prova trid issir mill-prosekuzzjoni."**

Dejjem dwar dan l-element tax-xjenza, din il-Qorti esprimiet ruhha hekk fl-Apell Kriminali fl-ismijiet **Il-Pulizija v. Louis Frendo** deciz fit-12 ta' Marzu 1999:

**"… dan ir-rekwizit ifisser li meta wiehed jikkonsidra c-cirkostanzi kolha relattivi u partikolari ghall-kaz, dawn l-istess cirkostanzi ghandhom ikunu bizzejjed fihom infushom biex juru li f'dak il-kaz, il-possessur ta' l-oggett in kwistjoni kien jaf jew messu ragjonevolment ikun jaf minn dawk ic-cirkostanzi li d-dazju/levy fuq dawk l-oggetti ma kienx imhallas. Din hi t-tifsira ta' dan ir-rekwizit tax-xjenza fl-imsemmija artikoli tal-Kap. 37".**

U meta dawn ic-cirkostanzi juru bic-car li l-appellant kien jaf li d-dazju/levy ma kienx thallas:

**"hawn jiskatta in operazzjoni l-artikolu 77 tal-Kap. 37 li jitfa l-oneru fuq l-appellant biex jipprova li d-dazju/levy fuq dawk l-oggetti kien thallas."**

Fil-kaz in ezami ma jirrizultax mill-provi li l-appellant kien l-importatur tad-DVDs in kwistjoni u lanqas jirrizulta li kien xi komplici ta' l-importatur jew l-ezekutur immedjat ta' xi att ta' kuntrabandu. Fil-fatt mill-imputazzjonijiet dedotti ma jirrizultax illi l-prosekuzzjoni qieghda b'xi mod takkuzah b'hekk izda semplicement li kellu dawn id-DVDs fil-pussess tieghu u/jew depozitati ghandu u li huwa kien jaf jew seta' ragjonevolment ikun jaf ("xjentement") illi fuq dawn id-DVDs ma kienx thallas dazju. Naturalment biex ikun hemm dazju dovut fuq oggett, l-oggett irid ikun gie importat. L-appellant jghid li ma hemm l-ebda prova li tindika li dawn id-DVDs kienu importati.

Din il-Qorti ezaminat il-provi kollha prodotti quddiem l-ewwel Qorti u l-uniku suggeriment li dawn id-DVDs setghu kienu importati jigi mill-Ispettur Ian Abdilla li, fit-28 ta' Mejju 2003 xehed darbtejn quddiem l-ewwel Qorti. L-ewwel darba xehed biss li d-DVDs, CDs u Playstation games elevati mir-residenza ta' l-appellant *"at face value dehru li setghu kienu counterfeit"*. Meta xehed it-tieni darba, qal hekk: *"L-oggetti li ahna elevajna mir-residenza tal-imputat gew mghoddija lid-Dwana biex issir valuation taghhom. Nghid li dawn l-oggetti gew mghoddija lid-Dwana peress li ahna tlabna d-dokumenti lill-imputat u dan ma tahomlniex u ghalhekk issuspettajna li kien hemm evasion of duty. Fil-fehma tieghi mill-kwalita` taghhom deherli li dawn setghu gew importati. Fil-fehma tieghi ma kinux prodott lokali. Mistoqsi pero` jekk kellix ragun li nahseb ghaliex l-imputat ma setax xtrahom minghand grossista lokali nghid illi l-imputat fl-ebda hin ma gabilna d-dokumentazzjoni dwar ix-xiri taghhom"*. L-Ispettur Abdilla pero` ma spjegax x'wasslu biex jikkonkludi kif ikkonkluda, x'kien hemm partikolari f'dawn id-DVDs li geghlu jahseb li "setghu" kienu importati. Il-fatt imbaghad li l-appellant ma pproduciex dokumentazzjoni lill-Ispettur Abdilla ma jfissirx necessarjament illi kien xoghol importat u, jekk kien xoghol importat, li l-appellant kien jaf jew ragjonevolment seta' kien jaf li d-dazju fuqhom ma kienx thallas.  Inoltre, ghalkemm id-DVDs gew mghoddija lid-Dwana, hadd mill-ufficjali tad-Dwana ma xehed dwar l-allegata provenjenza taghhom, cioe` jekk dawn id-DVDs kinux importati. Is-semplici konferma tal-*letter to*

*prosecute* mhijiex certament prova li d-DVDs kienu importati. Anke Martin Bajada, li ezamina kull oggett, ma jsemmi xejn dwar li dawn kienu importati. Jigifieri l-prosekuzzjoni la ppruvat li d-DVDs in kwistjoni kienu importati u wisq anqas illi l-appellant kien jaf jew seta' ragjonevolment ikun jaf li d-dazju fuqhom ma kienx thallas. B'hekk ma skattatx in operazzjoni l-artikolu 77 tal-Kap. 37.

Konsegwentement it-tieni aggravju qed jigi milqugh u m'hemmx lok ghalhekk li din il-Qorti tikkunsidra l-aggravji l-ohra.

Ghal dawn il-motivi:

Tiddeciedi billi tilqa' l-appell u cioe` tirriforma s-sentenza appellata fis-sens illi tirrevokaha in kwantu sabet lill-appellant hati tar-raba', tas-sitt, tas-seba', tat-tmien u tad-disa' imputazzjoniijet u in kwantu kkundannatu ghall-hlas ta' multa ta' Lm5,587.58 u ordnat illi terz minn din il-multa jigi meqjusa bhala dejn civili u minflok tiddikjarah mhux hati ta' dawn l-imputazzjonijiet u tilliberah mill-istess imputazzjonijiet u minn kull piena, u tikkonferma s-sentenza appellata fil-kumplament.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------